**30 ta' April, 1962.**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo. O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Clementina Farrugia et.

*versus*

Maddalena Farrugia et.

**Aċċettazzjoni ta' Eredità — Atti ta' Eredi — Denunzja tas-Suċċessjoni — Żbank ta' Flus tal-Mejjet — Bejgħ u Donazzjoni ta' Oġġetti tal-Wirt — Spejjeż Funerarji — Suffraġi tal-Mejjet — Prova — Art. 891(3) u 893 tal-Kap. 23 — Art. 33 tal-Kap. 70.**

*Biex tirrikorri l-aċċettazzjoni taċita ta' eredità jeħtieġ li jkun hemm suċċessibbli, li dan is-suċċessibbli jkollu l-intenzjoni li jaċċetta l-eredità, li hu jagħmel xi att li jista' jagħmlu biss bħala eredi, u li minn dan l-att tkun tidher neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità. Liema att irid ikun tali li ċertament, neċessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tiġi nferita konsegwenza oħra ħlief dik li*

*min għamlu ried jaċċetta l-eredità. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri tinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri.*

*Il-fatt li s-suċċessibbli jinterpella lis-suċċessibbli l-oħrajn biex jiddikjaraw jekk humiex bil-ħsieb li jaċċettaw il-wirt, waħdu, ma hux prova tal-aċċettazzjoni tal-eredità da parti ta' mittenti ta' dik l-ittra uffiċjali.*

*Lanqas il-fatt li s-suċċessibbli jagħmel id-denunzja tas-suċċessjoni tal-mejjet, u fiha jikkwalifika ruħu bħala eredi skond il-liġi, waħdu, ma jammonta għal aċċettazzjoni tal-eredità*

*Lanqas żbank ta' flus depożitati mħollijin mil-mejjet, biex jiġi ħallsu l-ispejjeż tal-funeral tiegħu u biex isirulu suffraġi għal ruħu, jew, fil-każ li xi flus hekk depożitati jappartjenu lil terzi persuni, biex dawn ikunu jistgħu jieħdu flushom, ma jfisser neċessarjament aċċettazzjoni tal-eredità tal-mejjet li ħalla dawk il-flus hekk depożitati.*

*Lanqas il-fatt illi s-suċċessibbli jippruvaw jirranġaw xi pendenzi ma kredituri tal-mejjet ma jfisser din l-aċċettazzjoni, jekk huma ma jkunux ħallsu bħala eredi xi flus biex issoddisfaw lil dawk il-kredituri.*

*Lanqas il-bejgħ jew donazzjoni ta' xi oġġetti li ħalla l-mejjet ma jinduċu ta' bilfors aċċettazzjoni tal-eredità tiegħu, jekk iċ-ċirkustanzi li fihom ikunu saru dak il-bejgħ u dik id-donazzjoni ma jkunux hekk univoċi li jinduċu dik l-aċċettazzjoni; b'dan, però, illi t-tenwità tal-valur tal-oġġett li jiġi mibjugħ jew donat mhix rilevanti biex teskludi l-volontà tal-aċċettazzjoni. L-indulġenza tal-Qrati dwar rigali ta' valur żgħir lil xi parenti bħala memorja tal-mejjet jew lis-saċerdot li jkun assista l-mejjet fl-aħħar ġranet ta' ħajtu ma hix tassattiva, b'mod illi dik l-indulġenza għandha tiġi eskluża jekk ma jikkonkorrux iċ-ċirkustanzi tal-parentela u l-intimità tad-donatarju mal-mejjet.*

*Fl-aħħarnett, ir-responsabbiltà tal-atti li jinduċu aċċettazzjoni tal-eredità hija ndividwali, b'mod li dak li jagħmel wieħed mis-suċċessibbli ma jippreġudikax lis-suċċessibbli l-oħrajn.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, wara li ppremettew illi fid-9 ta' Frar 1959 miet intestat u mproli r-Reverendu Paolo Farrugia (bin il-konvenuta Maddalena Farrugia u ħu l-kontendenti l-oħra), u għalhekk l-eredità tiegħu għaddiet fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti; u illi huma ma jridux jibqgħu aktar in komun mal-konvenuti; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, (1) tiġi likwidata l-eredità tal-imsemmi Don Paolo Farrugia, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, billi tiġi dikjarata tikkonsisti f'dawk is-sustanzi li jiġu pruvati fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) l-eredità hekk likwidata tiġi diviża f'disgħa porzjonijiet ugwali; (3) dawn id-disgħa porzjonijiet jiġu assenjati waħda lil kull wieħed u waħda mid-disgħa kontendenti; (4) jiġu nominati nutar biex jippublika l-kuntratt relattiv u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fl-istess kuntratt. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Marzu 1960, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Ottubru 1961, li biha ddeċidiet billi, prevju riġett tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iddikjarat illi l-istess konvenuti aċċettaw l-eredità tar-Reverendu Farrugia; l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti; u ddifferiet il-kawża "sine die", riappuntabbli wara li din is-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat għat-trattazzjoni fil-meritu; wara li kkunsidrat;

Illi ż-żewġ attriċi qegħdin jitolbu, in kontestazzjoni tal-konvenuta Maddalena Farrugia, ommhom, u tal-konvenuti l-oħra, ħuthom, il-likwidazzjoni u diviżjoni f'disgħa porzjonijiet ugwali tal-eredità tal-mejjet Don Paolo Farrugia, ħuhom, li miet intestat fid-9 ta' Frar 1959. Il-konvenuti jallegaw li huma għadhom ma ddeliberawx jekk jaċċettawx jew le l-imsemmija eredità, mentri l-atturi jissottomettu li l-istess eredità ġiet aċċettata, għalkemm taċitament, mil-konvenuti. Għalhekk f'dan l-istadju l-kawża tiġi ċirkoskritta għar-riżoluzzjoni u deċiżjoni fuq din il-kwistjoni;

Illi skond il-liġi, art. 891(3) Kap. 23, hemm l-aċċettaz-

żjoni taċita meta l-eredi jagħmel atti li jissupponu neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità; liema att ma kienx ikollu dritt li jagħmlu jekk mhux fil-kwalità ta' eredi. Kwindi, kif ġa kellha okkażjoni li tirritjeni din il-Qorti, biex tirrikorri din l-aċċettazzjoni jeħtieġ (a) li jkun hemm suċċessibbli, (b) li dan is-suċċessibbli jkollu l-intenzjoni li jaċċetta l-eredità, (ċ) li hu jagħmel xi att li jista' jagħmlu biss bħala eredi, (d) u li minn dan l-att tkun tidher neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-eredità (Vol. XXXVI-II-475);

Illi l-atti li għamlu l-konvenuti li jissupponu l-volontà tagħhom li jaċċettaw l-eredità ta' Don Paolo Farrugia, skond ma jippretendu l-atturi, huma dawn:— (a) Li fil-11 ta' Ġunju 1959 huma nterpellaw uffiċjalment lill-atturi biex jiddikjaraw f'ċertu żmien li semmewlhom, jekk kienux bil-ħsieb li jaċċettaw l-eredità msemmija (Dok. AA fol. 39); (b) Li fid-denunzja tas-suċċessjoni tal-imsemmi Reverendu Farrugia, magħmula mil-konvenut Carmelo Farrugia, dan ikkwalifika ruħu bħala "heir by law" (Dok. BB fol. 40); (ċ) Li l-istess Carmelo Farrugia effettwa mill-Banca jew Cassa tal-Apostolat tat-Talb żbank ta' somma rilevanti minn dik li kien hemm depożitata f'isem il-mejjet Reverendu Farrugia; (d) Li l-konvenuti, mal-kredituri tal-assi tad-decujus urew atteġġjament ta' nteressati, u mhux ta' estranei għall-eredità msemmija; (e) u li l-konvenuti biegħu u ddisponew b'donazzjoni diversi oġġetti u lil diversi nies;

Illi l-ewwel att imsemmi mill-atturi ma jidherx li huwa tali, waħdu, li jissupponi neċessarjament il-volontà tal-konvenuti li jaċċettaw l-eredità msemmija. Infatti, ġie ritenut li l-att li minnu tista' tiġi nferita l-aċċettazzjoni taċita għandu jkun tali li jissupponi mhux biss ċertament, imma neċessarjament il-volontà tal-aċċettazzjoni (Vol. XXIII-I-254-XXVII-I-791); u li kwindi, biex ikun hemm din l-aċċettazzjoni, hemm bżonn li l-atti li minnhom tiġi dedżunta jkunu serji u univoċi, li minnhom ma tkunx tista' tinġibed konsegwenza oħra ħlief li min għamilhom ried jaċċetta l-eredità (Vol. XXX-II-256). Issa il-fatt waħdu li ġiet minnhom spedita dik l-ittra uffiċjali ma jimportax ċertament, neċessarjament, u univokament, il-volontà tal-kon-

venuti li jaċċettaw l-eredità tar-Reverendu Farrugia. L-atturi jissottomettu li b'dik l-interpellazzjoni uffiċjali l-konvenuti mmanifestaw l-intenzjoni tagħhom li jridu jaċċettaw dik l-eredità, għaliex diversament ma kienux jagħmluha, billi ma kellhom ebda nteress ieħor fl-eredità. Però, apparti li ġa ntqal, jekk ħadd ieħor mil-konvenuti ma kellux xi nteress fl-eredità, il-konvenuta Rosaria sive Rosa Farrugia kellha dan l-interess; għaliex kienet tippretendi li hija kreditriċi ta' dik l-eredità, u effettivament ġiet kanonizzata hekk kreditriċi minn din il-Qorti bis-sentenza ndikata fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Din il-konvenuta, għalhekk seta' kellha nteress tkun taf in kontestazzjoni ta' min kellha tistitwixxi dak il-ġudizzju. Il-Qorti kkonstatat li dak il-ġudizzju ġie istitwit mill-konvenuta msemmija kontra l-eredità ġjaċenti tar-Reverendu Farrugia, ħuha, fid-19 ta' Ottubru 1959, ċjoè wara li kienet ġiet spedita minnha u mill-konvenuti l-oħra dik l-ittra uffiċjali;

Illi t-tieni att imsemmi mill-atturi juri illi l-konvenut Carmelo Farrugia aċċetta l-eredità msemmija. Huwa ma ddenunzjax is-suċċessjoni tad-decujus bħala kjamat għall-eredità, imma bħala "heir at law", u kwindi b'din id-denunzja hu wera espressament li huwa eredi tad-decujus. Verament, kif jgħallem ir-Ricci (Dto. Civ. Vol. IV, para. 20. ediz. 1886), "la voce erede può essere adoperata nel senso di successibile", u f'xi każi l-kjamat għas-suċċessjoni, għad li jkun ikkwalifika ruħu eredi ma jkunx ried ifisser ħlief il-vokazzjoni tiegħu għall-eredità; u li fid-dubju wieħed irid jeżamina l-objettiv tal-att magħmul, ċjoè jekk l-istess kienx tali li seta' jsir biss mill-eredi jew ukoll minn sempliċi suċċessibbli. F'dan il-każ ma jistgħax jiġi eskluż li d-denunzja msemmija ma setgħetx issir ukoll minn dan il-konvenut bħala suċċessibbli, kif lanqas ma jista' jiġi eskluż li bil-kwalifika minnu assunta ta' "heir at law" hu ried ifisser li kien kjamat għall-eredità, ċjoè suċċessibbli, u mhux neċessarjament eredi ntestat; però l-istess dubju donnu ma jsorġix, għaliex dan il-konvenut, għad li xehed darbtejn, u semma li għamel dik id-denunzja, ma semmiex li dik il-kwalifika hu għamilha bi żball, u lanqas f'liema sens kien assumiha. Fi kwalunkwe każ, però, anki jekk dik il-kwalifika tittieħed, kif jidher li għandha tittieħed, bħala ta' eredi ntestat, l-istess tolqot biss lil dan il-konvenut, u

mhux lill-konvenuti l-oħra. Infatti, ġie ritenut li f'materja ta' aċċettazzjoni ta' eredità r-responsabbiltà tal-atti li jinduċuha hija ndiviżibbli, u dak li jagħmel wieħed mis-suċċessibbli ma jippreġudikax lill-oħrajn (Vol. XXXVI-II-475);;

Illi, in kwantu għat-tielet att li fuqu l-atturi jirradikaw il-pretensjoni tagħhom, l-istess ma jistgħax jingħad li jikkostitwixxi. waħdu, aċċettazzjoni ta' eredità. Apparti li dak l-att, ċjoè l-iżbank tal-flus, sar biss mill-konvenut Carmelo Farrugia, u kwindi f'kull każ, għar-raġunijiet li ġa ssemmew, ir-responsabbiltà għalieh taqa' fuqu biss u ma tippreġudikax lill-konvenuti l-oħra, dak l-iżbank jirriżulta li sar biex tħallsu l-funerali tad-decujus. Hija liġi espressa illi d-dispożizzjonijiet illi wieħed ikun ħa għall-funeral ma jimpurtawx aċċettazzjoni ta' eredità (art. 893 Kod. Ċiv.), jekk min jagħmilhom ma jkunx assuma l-kwalità ta' eredi; u huwa loġiku li l-konvenuti, darba li ħadu, kif setgħu jieħdu, dawk id-dispożizzjonijiet, kellhom iħallsu għalihom u biex iħallsu, jekk ma kellhomx flus għad-dispożizzjoni tagħhom, kellhom jiżbankaw dawk il-flus. Iċ-ċirkustanza li l-Bank awtorizza żbank ta' ammont rilevanti, fl-ammont tiegħu u in relazzjoni għall-istess depożitu, lill-istess Carmelo Farrugia, ma teskludix il-possibbiltà li seta sar żball da parti tal-Bank fis-sens li awtorizza żbank ta' flus favur min ma kienx eredi tad-decujus, għalkemm jista' jingħad ukoll li dak l-iżbank li jirriżulta li sar fit-2 ta' Ġunju 1959, ġie awtorizzat lill-imsemmi konvenut wara li dan kien ikkwalifika ruħu "heir by law" fid-denunzja ġa msemmija;

Illi lanqas ir-raba' att imsemmi mill-atturi ma jikkostitwixxi. waħdu aċċettazzjoni ta' eredità. L-att tal-konvenuti li ħadu passi biex, bil-ko-operazzjoni possibbilment anki tal-atturi, jirranġaw il-pendenzi li kellu d-decujus ma' xi kredituri, ma jimpurtax li huma aċċettaw l-eredità, ladarba ma sarx minnhom bħala eredi, xi ħlas lill-kredituri biex jissoddisfawhom. Dak l-att mhux talment univoku li ma jħalli ebda dubju li l-konvenuti, meta għamluh, ma setgħux kellhom intenzjoni oħra ħlief dik li jaċċettaw l-eredità (Vol. XXX-II-256);

Illi, in kwantu għall-attijiet l-oħra li jsemmu l-atturi,

ġie pruvat, u anki ammess b'titubanza kbira mill-konvenuti, li dawn, wara l-mewt tar-Reverendu Paolo Farrugia, bieghu muzzetta bil-prezz ta' £4, u messal, ġunta tal-quddies tal-erwieħ, u xi żigarelli sinjali tal-messal, bil-prezz komplessiv ta' £3, kif ukoll irrigalaw rukkett — oġġetti dawn kollha ġa appartenenti lill-imsemmi Reverendu Farrugia, u minnu mħollija wara mewtu. Dawn l-atti, fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkostitwixxu, fiċ-ċirkustanzi li saru, aċċettazzjoni tal-eredità da parti tal-konvenuti li għamluhom. Ġie sottomess mill-konvenuti li l-bejgħ ta' dawk l-oġġetti sar minnhom biex bil-prezz rikavat jitħallsu l-ispejjeż tal-funerali tad-decujus; u effettivament jinsab pruvat li dak il-bejgħ segwa f'Marzu 1959 u l-ispejjeż tal-funerali tħallsu f'Lulju 1959; u li r-rigal tar-rukkett ma għandux jittieħed f'konsiderazzjoni stante t-tenwità tiegħu, billi l-ġurisprudenza hija ferm indulġenti favur is-suċċessibbli meta dawn jiddisponu minn oġġetti ta' valur żgħir; u dak ir-rukkett ma setgħax kellu valur kbir. Però, in kwantu għall-bejgħ tal-oġġetti, jiġi osservat li, kif irritenlet din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 1916 *in re* "Azzopardi vs. Mallia", att simili ta' bejgħ ma jiġix kunsidrat li jkun sar minn min jagħmlu bl-intenzjoni li jaċċetta l-eredità, meta dan l-att ikun uniku u skompanjat minn atti oħra li jistgħu jikkonfermaw dik l-intenzjoni;

Fil-każ taħt konsiderazzjoni, ma kienx jittratta minn każ uniku ta' bejgħ, imma minn aktar minn wieħed, u magħmula lil persuni differenti; u l-istess atti kienu akkompanjati almenu mill-att l-ieħor, magħmul mil-konvenuti, tad-donazzjoni tar-rukkett. Ma jidherx li l-konvenuti biex iħallsu l-ispejjeż tal-funeral kellhom bżonn jirrikorru għall-bejgħ ta' dawk l-oġġetti; għaliex skond id-denunzja tas-suċċessjoni msemmija l-attiv imħolli mid-decujus jikkomprendi ammont ta' flus li ferm jissupera l-ammont kollu tal-passiv, li huwa ndikat f'£279.14.11; u f'din l-aħħar somma huma kompriżi l-ispejjeż tal-funerali f'£170.19.0; l-aħħar somma ġiet imħallsa f'daqqa wara li sar żbank tagħha mid-depożitu ntier tal-flus imħolli mid-decujus, u ndipendentement mill-prezz rikavat mill-bejgħ ta' dawk l-oġġetti. Dawk l-atti ta' bejgħ, mbgħad, u kif ingħad, kienu akkompanjati almenu minn att ieħor, dak tad-donazzjoni tar-rukkett. Huwa biss b'eċċezzjoni li l-Qorti, f'xi

każi, turi ruħha indulġenti lejn is-suċċessibbli meta jkun jittratta minn dispożizzjoni ta' xi oġġett ta' valur żgħir; u anki f'dan il-każ din l-indulġenza dejjem ingħatat meta ġie dispost minn xi oġġett ta' valur żgħir lil xi parenti, bħala memorja tal-mejjet, jew lis-saċerdot li jkun assista lill-mejjet fl-aħħar ħinijiet tal-ħajja tiegħu (argum. Vol. XXIX-I-92). Għall-kuntrarju, fil-każ taħt konsiderazzjoni, apparti li ma jistgħax għal kollox jingħad li l-valur tar-rukkett kien żgħir, kunsidrata ċ-ċirkustanza li skond l-imsemmija denunzja l-paramenti sagri kollha li ħalla d-decujus kellhom il-valur ta' £12 biss, ir-rukkett ġie mogħti b'rigal favur saċerdot li ma jidherx li huwa mparentat, anzi li huwa estraneu għal kollox għall-familja tal-kontendenti, fl-okkażjoni meta ġie nominat u ħa l-pussess bħala Arċipriet taż-Żurrieq;

Jiġi wkoll rilevat kif tajjeb jissottomettu l-atturi, li l-konvenuti wrew bl-atteġġjament tagħhom quddiem il-Qorti — atteġġjament li mingħajr ebda eżitazzjoni jiġi kwalifikat ferm insinċier u li ma jispira ebda fiduċja — li b'dawn l-atti li għamlu huma kienu aċċettaw jew kellhom l-intenzjoni jaċċettaw l-eredità mħollija mir-Reverendu Farrugia. Infatti, huma ma ġewx mill-ewwel u spontanea-ment jgħidu, bħal min jagħmel att innokwu jew inavverti-tament, li dak il-bejgħ u dik id-donazzjoni għamluhom, biex iħallsu l-funerali jew għal xi ħaġa oħra, għaliex ma kienux jafu li b'daqshekk kienu qegħdin impliċitament jaċċettaw l-eredità, imma għall-ewwel ċaħdu għal kollox li kienu biegħu jew taw xi ħaġa minn dak li ħalla r-Reverendu Farru-gia (v. depoż. konvenuti Giuseppe Farrugia u Rosa Farru-gia fol. 11, 12, 26), u biss meta ġew konfrontati bid-doku-ment a fol. 18 tal-proċess, u in segwitu għad-depożizzjoni tal-Arċipriet Paolo Pace, ġie ammess mill-konvenuta Mad-dalena Farrugia li l-bejgħ u r-rigal ta' dawk l-oġġetti saru minnha, u bil-kunsens ta' wliedha, il-konvenuti l-oħra;

Illi l-atti l-oħra li dwarhom intqal superjorment, magħ-mula mil-konvenuti, weħedhom, bħala li weħedhom ma jimpurtawx neċessarjament l-intenzjoni ta' aċċettazzjoni tal-eredità, akkompanjanti dawn l-aħħar atti ta' bejgħ u ta' donazzjoni magħmula mill-istess konvenut, u meħudin flim-kien, jikkonfermaw fil-konvenuti din l-intenzjoni;

Rat in-nota tal-appell ta' Rosaria sive Rosa Farrugia, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tagħha fis-sens li hi ma aċċettatx l-eredità ta' ħuha Dun Pawl Farrugia; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-appell ta' Maddalena Farrugia, Carmelo Farrugia, Anna Cachia, Andrea Farrugia u Joseph Farrugia, li biha huma wkoll appellaw minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu li tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tagħhom li huma ma aċċettawx l-eredità tal-istess Dun Pawl Farrugia; bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq l-appell ta' Rosaria sive Rosa Farrugia;

Il-kwistjoni f'dan l-appell, kif ukoll fl-appell l-ieħor tal-konvenuti l-oħra, hija jekk jistgħax jingħad li l-appellanti aċċettaw taċitament l-eredità ta' Dun Pawl Farrugia, billi għamlu attijiet li neċessarjament jippresupponu l-volontà li jaċċettaw dik l-eredità u li ma kienx ikollhom id-dritt li jagħmlu ħlief bħala eredi (art. 891(3) Kodiċi Ċivili). Iżda, għalkemm il-kwistjoni hi waħda għall-appellanti kollha, huwa ta' mportanza fondamentali li jiġu bir-reqqa magħżula l-provi għar-rigward ta' kull wieħed u waħda minnhom; u dan in vista tal-prinċipju, rilevat anki mill-Ewwel Onorabbli Qorti, illi r-responsabbiltà tal-attijiet li jinduċu aċċettazzjoni ta' eredità hija ndividwali, b'mod li dak li jagħmel wieħed mis-suċċessibbli ma jippreġudikax lill-ieħor;

Issa, x'inhuma l-provi fil-konfront ta' din l-appellanti Rosaria Farrugia?

Jekk wieħed jeżamina sewwa s-sentenza appellata, isib illi verament anqas l-Ewwel Onorabbli Qorti stess ma sabet

*ebda att attribwibbli ndividwalment lil din l-appellanti li* neċessarjament jinduċi l-aċċettazzjoni tal-eredità da parti tagħha. Għar-rigward tal-appellanti kollha l-Ewwel Qorti bdiet biex eskludiet diversi attijiet imputati lilhom ilkoll jew lil xi uħud minnhom, imma mhux lil "din" l-appellanti; mbagħad ikkunsidrat bħala atti li jimpurtaw aċċettazzjoni l-bejgħ ta' xi oġġetti tal-wirt u l-għoti bħala rigal ta' oġġett ieħor "kontra dawk li għamluhom", mingħajr però ma speċifikat min kien għamilhom;

Għandu jiġi osservat ukoll *illi lanqas l-appellati stess*, fir-risposta tagħhom għall-petizzjoni ta' dan l-appell, ma jidentifikaw ebda att individwalment attribwibbli lill-appellanti Rosaria Farrugia, u ppreferew jirriferixxu ruħhom ġenerikament għall-atti "li l-imsemmija Rosa Farrugia u l-konvenuti l-oħra għamlu";

Għar-raġuni tal-prinċipju fuq imsemmi dan ma jistgħax ikun korrett;

X'inhuma l-provi dwar *il-bejgħ ta' xi oġġetti* u *l-għoti ta' rigal*? Rosa Farrugia, fol. 12, xehdet illi "sa fejn kienet taf hija, mill-affarijiet li ħalla ħuha ma nbiegħ u ma ngħata xejn". Aktar tard irriżulta illi Dun Alan Fenech kien fil-fatt xtara messal, ġunta tal-quddies tal-erwieħ, u xi żigarelli sinjali tal-messal. Fl-ittra tiegħu eżibita fol. 18 hu qal li xtrahom minn għand "il-mamà tal-mejjet...... fil-preżenza ta' ħafna minn uliedha", bla ma semma min kienu. Il-Kappillan Laurence Cachia wkoll xehed li akkwista mozzetta "minn għand omm u ħut il-mejjet"; iżda fil-kontroeżami speċifika illi n-negozju sar biss mal-omm u *ż-żewġ* uliedha subien Carmelo u Giuseppe (fol. 25 u tergo). Issa, dwar dan il-bejgħ lil Dun Alan Fenech u lill-Kappillan Cachia, l-omm, ċjoè il-konvenuta Maddalena Farrugia, xehdet li l-bejgħ għamlitu hi; rigward it-tfal hi qalet biss, ġenerikament, "li kienu kuntenti". Dan hu kontraddett mil-konvenut Carmelo Farrugia, li xehed li, għalkemm hu kien preżenti meta sar il-bejgħ liż-żewġ saċerdoti fuq imsemmija, ommu "ma staqsiethomx jekk kienux kuntenti li jsir dan" (fol. 33);

Dawn huma l-provi kollha dwar il-bejgħ, u a bażi tagħ-

hom assolutament ma jistgħax jingħad li ġie pruvat bħala fatt li l-appellanti Rosaria Farrugia personalment ħadet xi parti jew intromettiet ruħha fih; apparti x'kienu jkunu l-konsegwenzi legali tiegħu;

Kwantu għar-rigal ta' rukkett mogħti lill-Arċipriet Pace, kull ma hemm fil-provi hu biss dak li xehed hu stess, fis-sens illi r-rigal irċevieħ minn għand Maddalena Farrugia, li tagħtitulu mal-konvenut binha Giuseppe (fol. 25). Dan hu konfermat minn Maddalena Farrugia, li żiedet tgħid ġenerikament li kienet ħadet il-kunsens ta' wliedha s-subien, u "l-bniet kienu kuntenti wkoll" (fol. 26) — ħaġa li mhix konfermata la mix-xhieda ta' Carmelo Farrugia u lanqas minn dik tal-istess appellanti Rosaria Farrugia. Għalhekk, anki għar-rigward ta' dan ir-rigal, apparti anki hawn l-importanza legali tiegħu, anqas bħala sempliċi fatt ma rriżultat soddisfaċentement ebda responsabbiltà ndividwali tal-appellanti Rosaria Farrugia;

Kif ġa ntqal, l-atti l-oħra kollha attribwiti lill-konvenuti mil-l-atturi bħala mportanti aċċettazzjoni taċita taleredità da parti tagħhom ġew esklużi anki mill-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti, u din il-Qorti taqbel ma' dik il-konklużjoni safejn jirrigwarda lil din l-appellanti Rosaria Farrugia. Del resto, anki bħala sempliċi fatt, l-atturi stess ma jippretendux li din l-appellanti għamlet ebda att ieħor ħlief dak biss li dehret bħala waħda mil-mittenti tal-ittra uffiċjali fol. 39. Kif sewwa osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-ispedizzjoni ta' dik l-ittra ma timpurtax ċertament, neċessarjament u univokament, il-volontà tal-mittenti li jaċċettaw l-eredità; u għal dak li jirrigwarda ndividwalment lil Rosaria Farrugia, hi kellha jew seta' kellha nteress personali divers li taċċerta ruħha dwar l-intenzjoni tal-atturi;

Fin-nota tagħhom fol. 86 l-atturi jsemmu att ieħor li għamlet Rosaria Farrugia. u li fil-fehma tagħhom jikkostitwixxi att ta' aċċettazzjoni. Hi tammetti fix-xhieda tagħha fol. 12 illi wara l-mewt ta' ħuha Dun Pawl Farrugia hi u l-konvenuti l-oħra ffirmaw "karta", li taw lill-atturi biex jiffirmawha wkoll, ħalli jiġbru xi flus li kienu depożitati fil-Bank tal-Apostolat tat-Talb. Iżda, skond ix-xhieda ta'

Carmelo Farrugia (fol. 11), dawn il-flus, għalkemm kienu depożitati f'isem il-mejjet, kienu "tal-parruċċani" tal-mejjet, u apparentement il-konvenuti ħasbu li jekk jiffirma kulħadd dawn il-flus setgħu jiġu żbankati biex jingħataw lil sidhom, anki għaliex dawn is-sidien kienu talbuhomlhom. Dan ma jurix li b'daqshekk l-appellanti Rosaria Farrugia riedet taċċetta l-eredità jew tieħu xi ħaġa minnha. Fi kwalunkwe każ, billi l-atturi ma riedux jiffirmaw dik il-karta, din tqattgħet u ma kellha ebda segwitu. Kull ma jista' jingħad leġittimament hu biss illi bil-firma ta' dik il-karta l-appellanti Rosaria Farrugia (u l-konvenuti l-oħra) ħasbu li setgħu jaqdu dmir ta' kuxjenza u jgħinu lis-sidien ta' dawk il-flus li jeħduhom, bla ma b'daqshekk ħasbu li kienu qegħdin jew riedu jaċċettaw l-eredità;

Għalhekk, l-appell ta' Rosaria Farrugia ma jistgħax ma jiġix milqugħ. Fil-konfront tagħha, l-appellati, li fuqhom kien il-piż tal-prova, kif jammettu huma stess finnota tagħhom fol. 37 (para. 2), ma jistgħax jingħad li ppruvaw il-volontà tagħha li taċċetta l-eredità;

Kwantu għall-kwistjoni diskussa fin-nota tal-appell fol. 86, dwar l-applikabbilità o meno tal-art. 910, biżżejjed jingħad li għar-rigward ta' din l-appellanti l-atturi la ppruvaw u lanqas allegaw illi Rosaria Farrugia kellha l-pussess attwali tal-eredità;

Fuq l-appell tal-konvenuti l-oħra;

Anki hawn, peress illi l-appellanti huma diversi, hu neċessarju li jiġi osservat il-prinċipju tal-ħtieġa li jiużammu separati l-provi għar-rigward ta' kull wieħed u waħda minnhom;

L-appellanti huma ħamsa, ċjoè Maddalena Farrugia, Carmelo Farrugia, Anna Cachia, Andrea Farrugia, u Joseph Farrugia;

Jista' jingħad mill-ewwel illi rigward Anna Cachia u Andrea Farrugia jgħodd dak kollu li ntqal dwar Rosaria

Farrugia. Mill-provi prodotti ma jirriżultax kif imiss, anqas bħala fatt, li dawn it-tnejn ħadu xi parti attiva fil-bejgħ ta' oġġetti u għoti tar-rigal fuq imsemmijin, li fuq-hom sostanzjalment iddeċidiet il-kawża l-Ewwel Onorabbli Qorti. Dak kollu li jirriżulta rigward dawn it-tnejn mill-appellanti huwa biss li huma deħru fost il-mittenti tal-ittra uffiċjali fol. 39, u li talvolta ffirmaw il-"karta", li wara tqattgħet, għall-iżbank tal-flus; u ġa ntqal illi dawn mhumiex atti li univokament u neċessarjament jissupponu l-volontà li huma jaċċettaw l-eredità. Ankorkè, dwar id-dispożizzjoni tal-oġġetti fuq imsemmija, kellu jingħad (għad li anqas dan ma hu verament assodat mill-provi) illi huma "kienu jafu" minn qabel b'dak li kien ser isir u ma tkellmu xejn, jew ma opponewx, dan ma jfisserx illi b'daqshekk l-"att" sar tagħhom. Kif ġie ritenut, "il silenzio dell'uno circa il fatto dell'altro non può valere come volontà e fatto del primo" (Fadda, art. 934-935, §65);

Din il-Qorti taċċetta li ġie pruvat bħala fatt illi l-bejgħ sar mill-omm Maddalena Farrugia, talvolta bil-parteċipazzjoni attiva tal-appellanti Carmelo u Giuseppe Farrugia, u r-rigal ingħata wkoll mill-omm, li bagħtitu per mezz ta' Giuseppe Farrugia (depożiz. Arċipriet Pace fol. 25 u Kappillan Cachia ibid. u fol. 26); iżda bir-rispett kollu din il-Qorti ma tħossx illi lil dawn l-atti għandha tiġi, fiċ-ċirkustanzi, attribwita l-konsegwenza legali li tathom l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Il-bejgħ ta' messal, ġunta tal-quddies u xi żigarelli tal-messal lis-Saċerdot Dun Alan Fenech sar bil-prezz kompless iv ta' £3, u l-bejgħ tal-muzzetta lill-Kappillan Cachia sar bil-prezz ta' £4. Intqal minn Maddalena Farrugia (fol. 26), bla ma ġie bl-ebda mod kontraddett minn provi oħra, illi dan il-bejgħ sar biex bir-rikavat isir quddies għar-ruħ id-decujus. Hi xehdet hekk:— "Hu veru illi lill-Kappillan tal-Gudja begħtlu muzzetta bil-prezz ta' £4. Dan għamiltu il-għaliex ridt ikolli xi ħaġa tal-flus f'idejja biex inkun nista' nagħmel quddies għar-ruħ it-tifel tiegħi. billi mill-Bank ma stajna nirtiraw ebda flus. Fil-fatt, dawk il-flus infaqnihom biex nagħmlu dan il-quddies; anzi ma' dawk il-flus ħriġna flus minn butna". Anki dwar l-oġġetti mibjugħa lil Dun Alan Fenech, Maddalena Farrugia xehdet

illi "il-flus tal-messal infaqnihom għall-quddies għar-ruħ it-tifel tiegħi. Flus għalina ma żammejna xejn". Jiġi osservat illi d-decujus miet fid-9 ta' Frar 1959, u l-bejgħ sar relattivament ftit żmien wara (dak ta' Dun Alan Fenech f'Marzu 1959), ċjoè fi żmien meta kien għad ma sar ebda żbank ta' flus biex jistgħu jitħallsu l-ispejjeż tal-funerali. Infatti, dan il-ħlas tal-funerali sar xhur wara, ċjoè f'Lulju 1959. Ma hi xejn ħaġa tal-għaġeb illi l-omm u l-aħwa tal-mejjet, skond il-kostumanzi ta' pajjiżna, u l-konvinzjonijiet reliġjużi tagħna, jippreokkupaw ruħhom biex mill-aktar fis li jista' jkun wara l-mewt iġiegħelu li jiġi ċelebrat quddies għas-suffraġju ta' ruħ l-għażiż tagħhom, u dan, jekk ma jkunx hemm flus oħra immedjatament disponibbli, anki billi jbigħu xi ħaġa żgħira mill-oġġetti tal-wirt, mingħajr ma b'daqshekk joqgħodu jaħsbu jew ifissru li jridu jaċċettaw legalment l-eredità. Jekk hemm ħaġa li, fortunatament, il-kotra tal-poplu tagħna għadha tikkunsidra urġenti wara l-mewt, hi proprju din tas-suffraġi għar-ruħ il-mejjet partikularment biċ-ċelebrazzjoni ta' quddies. Konsiderando s-somma żgħira li ġiet rikavata tant mill-bejgħ il-wieħed kemm mill-bejgħ l-ieħor (£7 b'kollox), din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tikkunsidra dak il-bejgħ bħala molteplicità ta' atti. Meħud rigward anki tal-kondizzjoni soċjali tan-nies involuti, ir-rikavat kollu ma jistgħax jitqies ħlief moderat u żgħir "għall-iskop li għalieh kien intiż". Il-Qorti mhix tgħid illi l-valur żgħir tal-att ta' dispożizzjoni hu per sè rilevanti biex jeskludi l-volontà tal-aċċettazzjoni; dak li qegħdha tgħid huwa illi fil-każ partikulari l-iskop tal-att fil-miżura li sar ma kienx affattu tali li neċessarjament jippresupponi l-volontà tal-aċċettazzjoni tal-eredità tal-mejjet. Kien inveċe att jew attijiet magħqudin suġġeriti mill-pjetà nisranija u l-imħabba lejn il-mejjet, bla ebda ħsieb ta' nteress jew qliegħ personali;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dawk l-atti ta' bejgħ "għal dak l-iskop" ibiddlu n-natura u l-portata tagħhom sempliċement għax barra minnhom dawn l-appellanti, jew "ad ogni modo", l-omm irrigalat rukkett lil Don Paolo Pace fl-okkażjoni tal-pussess tiegħu bħala Arċipriet taż-Żurrieq, ċjoè tal-parroċċa fejn joqgħodu l-appellanti u fejn kien qabel joqgħod il-mejjet, u fejn ġie midfun (fol. 4); u evidentement ġie mogħti bħala me-

morja tal-mejjet, li kien ukoll hu kappillan f'parroċċa viċina u, kif jidher minn fol. 31 tal-proċess "Rosaria Farrugia vs. Carmelo Farrugia ne." P.A. 28.1.1960, hu kien għal żmien viċi-parroku u aġent arċipriet fl-istess Żurrieq. L-indulġenza akkordata mill-Qrati għal rigali ta' valur relattivament żgħir, kif imsemmi mill-Ewwel Qorti, lil xi parenti jew lis-saċerdot li jkun assista lill-mejjet fl-aħħar marda, evidentement ma hix tassattiva b'mod illi, jekk ma jkunux jikkonkorru dawk iċ-ċirkustanzi, allura bil-fors dik l-indulġenza għandha tiġi eskluża. Il-kwistjoni hi dejjem ta' apprezzament ta' att fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Il-liġi turi, bil-kliem rigoruż li tuża, dak li teżiġi, ċjoè attijiet li tabilfors, neċessarjament, u bla ma jħallu dubju, jippresupponu l-volontà tal-aċċettazzjoni u tali li s-suċċessibbli ma kienx ikollu ebda dritt li jagħmel ħlief fil-kwalità tiegħu ta' eredi. Dan ir-rigal, mogħti mill-omm bħala tifkira tal-mejjet, lil saċerdot ħabib, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrivestix dawk il-kwalitajiet;

Kwantu għall-attijiet l-oħra attribwiti lil dawn l-appellanti, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti. Għal dak li jirrigwarda d-denunzja tas-suċċessjoni magħmula minn Carmelo Farrugia, fejn hu ddeskriva ruħu bħala "heir at law", dan spjega fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti taħt liema ċirkustanzi l-fatt ġara. Dik il-kwalità hu niżżilha "wara li qara n-noti li hemm fit-tarf t'isfel tal-formola, mingħajr ma ntenda xejn partikulari fiha bħala konsegwenza legali. Hu ma kellu ebda ntenzjoni li jaċċetta l-eredità ta' ħuħ. però kien daħal iż-żmien u qalulu li d-denunzja jeħtieġ issir, u ħass li xi ħadd, hekk jew hekk, ried ikun, u hu qabad u għamilha, bl-ebda skop li jiret, imma biex jaqdi l-liġi (fol. 89-90). L-art. 33 (a) (vi) tal-Liġi dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap. 70) jgħid:— "The notice delivered by the heir (sic) or legatee shall not of itself be evidence of his acceptance of the succession or legacy. He shall, therefore, be equally bound to deliver the notice within the aforesaid times, and shall be responsible for default if he fails to deliver such notice within the said times, notwithstanding that he does not intend to declare or has not yet declared his intention to accept the succession or legacy". Meta Carmelo Farrugia, fuq il-formola, indika l-kwalità tiegħu bħala "heir at law".

għandu jitqies, fiċ-ċirkustanzi, illi hu ma ntendiex iżjed milli hu kien wieħed mis-suċċessibbli skond il-liġi. Kif anki ġie ritenut mill-Qrati Tagħna:— "La denunzia di successione non è atto di erede, nè equivale ad accettazione di eredità, ma è un semplice atto di conservazione e di amministrazione, di cui non è necessario presupposto la volontà di accettare; onde può benissimo in segwito il denunziante rinunziarvi. Nè la qualità di erede in essa assunta può ritenersi come una manifestazione di quella volontà, perchè in simili atti anch'essa va intesa nel senso di semplice successibile" (Fadda, loc. cit., § 144-145);

Fl-aħħarnett, għal dak li hu l-pussess tal-eredità f'idejn l-appellanti, jidher mix-xhieda fuq imsemmija ta' Carmelo Farrugia illi l-maġġur parti tal-mobbli li kien hemm fid-dar tal-mejjet il-Gudja kienu fil-fatt inxtraw għalieh mill-familja jew minn flus tal-omm; u dawn l-affarijiet, flimkien mal-oġġetti l-oħra f'dik id-dar, kellhom jiġu mneħħija minn hemm għax id-dar riedet tiġi okkupata mis-suċċessur tiegħu, u ġew meħuda fid-dar fejn toqgħod l-omm iż-Żurrieq, li hi proprijetà komuni talmejjet u l-ħames appellanti. Għalhekk, il-preżenza ta' dawk l-oġġetti fid-dar komuni ma għandhiex oriġini u kawża mill-volontà ta' mpossessament tal-eredità u aċċettazzjoni tagħha;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' ż-żewġ appelli, ċjoè tant dak ta' Rosaria sive Rosa Farrugia, kif ukoll dak ta' Maddalena Farrugia, Carmelo Farrugia, Anna Cachia, Andrea Farrugia u Joseph Farrugia, u tirrevoka s-sentenza appellata; u tillibera l-konvenuti millosservanza tal-ġudizzju kif propost kontra tagħhom millatturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi.